# M I N U T I

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## LAQGĦA NUMRU 43

16 ta' Diċembru 2021

It-tlieta u erbgħin (43) seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Erbgħa 16 ta' Diċembru 2021 fil-5.00pm. Il-laqgħa nżammet b'mod virtwali minħabba r-restrizzjonijiet relatati mal-pandemija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH) | Sindku |
| Is-Sur Vincent Borg | ( VB ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sinjorina Justine Palmier | ( JP ) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻATI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

## MINUTI

### 43.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

43.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 43.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

43.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-wieħed u erbgħin (41) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

43.2.2. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, JP, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

43.2.3. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tnejn u erbgħin (42) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

43.2.4. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier JAE favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:'

Favur: 5 (VB, JAE, DSH, JP, AD)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

43.2.5. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.2.3 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward ix-xogħol fi Triq Sant'Anna. Is-Sindku wieġbet li ma kienx hemm żviluppi.

43.2.6. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.2.3.1 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward id-dwal fi Pjazza Sant'Anna. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet ma' min hu konċernat u qalulha li x-xogħol kien skedat.

43.2.6.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk jistax jiżdied xi dawl biswit Pjazza Sant'Anna, fi Pjazza Robert Samut, minħabba li qed jaqa' d-dlam. Is-Sindku qalet li din il-problema kienet inħolqot minħabba l-cable maqtugħ li hemm ħdejn ir-ROCS. Hija qalet li għalhekk kien inutli li nżidu floodlight minħabba li qabel ma jissewwa l-cable, ma seta' jsir xejn. Hi qalet li kienet qed tittama li l-Enemalta tfittex tieħu azzjoni sabiex il-ħsara tiġi rranġata f'qasir żmien.

43.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.2.4 u staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward iż-żabra. Il-Viċi Sindku VB wieġeb li għandu jkellem lill-kuntrattur għax ma kienx irnexxielu jaqbdu, biss iż-żabra ssoltu ssir lejn Marzu.

43.2.8. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.5.2 rigward il-planters. Is-Sindku wieġbet li kienet tkellmet mal-kuntrattur li kien informaha li ġej biss sa dakinhar kien għadu ma wasalx. Hija qalet li kienet għadha qed tistenna risposta min-naħa tiegħu.

43.2.9. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 41.5.3 rigward ix-xogħol fi Ġnien il-Mall. Is-Sindku wieġbet li ma kienu tawha l-ebda risposta dwar dan.

## 43.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

43.3.1. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand ECLASLO fejn talbu lill-Kunsill għal żewġ spazji ta' parkeġġ riservati. Is-Sindku nformat li wara li l-Kunsill kien ivverifika, jidher li setgħu jingħataw spazju ta' parkeġġ riservat wieħed biss. Għalhekk il-Kunsill approva spazju ta' parkeġġ riservat wieħed.

43.3.2. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand ICMPD fejn talbu żewġ parkeġġ riservati fi Triq John Lopez. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien kiteb lill-uffiċċju tal-protokoll iżda sa dakinhar kien għad m'hemmx tweġiba.

43.3.3. Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Ministeru għall-Enerġija, l-Intrapriża u l-Iżvilupp Sostenibbli rigward iċ-charging pillars li ser jitwaħħlu fil-lokalità. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jibqa' jsostni li ċ-charging pillars għandhom ikunu fil-car parks u dan biex ma jintilfux iktar spazji ta' parkeġġ.

43.3.4. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Re-enactment group Legio X Fretensis Malta fejn talbu lill-Kunsill jekk jafx b'xi proprjetà li mhux tintuża sabiex ikunu jistgħu jagħmlu użu minnha u jiltaqgħu bħala grupp. Il-Kunsill innota dan u ser jinformahom jekk ikun jaf b'xi proprjetà adegwata għalihom.

43.3.5. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Heritage Malta fejn informaw lill-Kunsill li dik il-ġimgħa kienu ser jibdew jinżabru s-siġar minħabba l-monument tal-Prof. Oliver Friggieri. Il-Kunsill innota dan.

43.3.6. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand sid ta' bar fejn talab konċessjoni temporanja sabiex ikun jista' joħroġ imwejjed u siġġijiet quddiem il-bar tiegħu. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

43.3.6.1. Il-Viċi Sindku VB qal li l-Kunsill għandu jagħmilha ċara li dawn il-konċessjonijiet qegħdin jinħarġu sa Jannar u li kwalunkwe konċessjoni qegħda tingħata mingħajr preġudizzju għall-quddiem. Il-Kunsill qabel.

43.3.7. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand resident li ppropona li l-Kunsill jikkunsidra li Triq l-Isqof Mauro Caruana tiġi pedonali. Is-Sindku pproponiet li tali materja tittella' fuq l-aġenda tal-laqgħa li jmiss u li nel frattemp il-Kunsill jitlob lir-resident sabiex jitlob firem lir-residenti tat-triq fejn jindika li qed jaċċettaw li tali triq tiġi pedonali. Il-Kunsill qabel.

43.3.8. Is-Sindku għamlet riferenza għat-talba li l-Kunsill kien għamel sabiex jingħata linji gwida biex ikun jista' jorganizza r-riċeviment annwali tal-21 ta' Jannar.

43.3.9. Is-Sindku ressqet talba mingħand l-amministrazzjoni sabiex jiġġeddu s-siegħat tal-leave li kienu għadhom ma ttieħdux matul dik is-sena u jiġu trasferiti għas-sena 2022. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 43.4 RAPPORTI

43.4.1. Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 43.5 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

43.5.1. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għad-dawl tas-subway u qal li filwaqt li jifhem li hemm problema tal-elettriku fiż-żona, staqsa jekk dawn il-problemi kienux relatati. Is-Sindku wieġbet li ma tafx jekk kienux relatati.

43.5.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għad-dlam li qed jaqa' ħdejn Bieb il-Bombi u staqsa jekk is-Sindku kellhiex xi informazzjoni dwar dan. Is-Sindku wieġbet li kien hemm ħsara ħdejn l-ARMS. Il-Kunsillier AD qal li hemm cable fault u li l-Enemalta kienet qegħda tistenna permess sabiex tkun tista' tingħalaq dik il-parti u jitranġa l-cable.

43.5.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-masġar ta' ħdejn l-iSptar Sir Paul Boffa u staqsa jekk il-Kunsill jistax jibgħat lil min jieħu ħsieb sabiex il-masġar jitnaddaf. Il-Viċi Sindku VB qal li ser ikellem lill-policy co-ordinator tal-ministeru sabiex jara x'ġara dwar dan.

43.5.4. Il-Kunsillier JAE staqsa dwar is-sleeping policeman fi Triq il-Kapuċċini. Is-SE wieġeb li dawn kienu ġew ordnati iżda kienu għadhom ma waslux.

43.5.5. Is-Sindku DSH informat li l-bankijiet tat-Telgħa tal-Kurċifiss kienu twaħħlu.

43.5.6. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx hemm ħsieb li ssir il-bankina fi Triq Vilhena. Is-Sindku wieġbet li din setgħet issir meta l-Kunsill ikollu l-ħaddiema tar-Reġjun.

43.5.6.1. Is-SE qal li l-Public Works kellhom jibgħatu linji gwida ta' kif ser timxi l-proċedura u hu kien talabhom jikkunsidraw li ssir il-kumplament tal-bankina biex hekk tiġi kompluta l-blokka kollha. Is-Sindku talbet lis-SE sabiex jgħaddilha kopja tal-korrispondenza sabiex tkun tista' issegwiha.

43.5.7. Il-Kunsillier AD għamel riferenza għal żball li kien iltaqa' miegħu fi ktieb tat-tfal. Huwa qal li f'dan il-ktieb, kienet saret riferenza skorretta għall-Valletta Waterfront fejn fil-ktieb kien indikat li dan jinsab fil-Belt Valletta minflok fil-Floriana. Huwa qal li din ma kienitx akkuża biss fil-kotba huwa importanti li l-affarijiet ikunu ċari għax għalkemm huwa ktieb tat-tfal, it-tfal tal-lum huma l-adulti t'għada. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb lill-awtriċi sabiex jiġbed l-attenzjoni għal dan l-iżball.

43.5.8. Il-Kunsilliera JP staqsiet meta kienu ser isiru s-sinjali tal-ispazji ta' parkeġġ fi Triq John Lopez.

## 43.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati

43.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 43.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

43.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 31/08 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

43.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti, bir-riżultat ikun favur nem con.

43.7.2. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda tal-petty cash sabiex tiġi approvata.

43.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u issekondata mill-Kunsilliera JP, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-petty cash, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 43.8 Approvazzjoni tal-Budget għas-sena 2022

43.8.1. Is-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-estimi finanzjarji għas-sena 2022, wara li dawn kienu ġew preżentati fil-laqgħa annwali li nżammet f'Diċembru.

43.8.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku VB u issekondata mill-Kunsillier AD, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-estimi annwali, bir-riżultat ikun favur nem con.

## 43.9 Approvazzjoni ta' rapporti ta' evalwazzjoni ta' tenders

43.9.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi nformat lill-Kunsill li kienet saret l-evalwazzjoni tas-sejħiet għall-offerti għal servizz ta' perit fil-proġett tas-senior citizen centre kif ukoll għall-perit tal-Kunsill.

43.9.2. Il-Kunsill qabel li fiż-żewġ każi, għandu jipproċedi bl-orħos offerta li tilħaq il-kriterji kollha mitluba.

## 43.10 IL-FESTA LITURĠIKA TA' SAN PUBLJU

43.10.1. Is-Sindku fetħet il-materja billi qalet li bħalma ġie diskuss f'laqgħat preċedenti kien ser jiġi organizzat ir-riċeviment tal-21 ta' Jannar.

43.10.2. Il-Viċi Sindku VB ippropona li jiġi mistieden ukoll il-President tar-Reġjun. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

43.10.3. Is-Sindku pproponiet li l-Kunsill jixtri tokens ta' apprezzament sabiex jingħataw lill-eks Aġenti Segretarji Eżekuttivi kif ukoll lill-eks Viċi Sindku Gail Demanuele. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 43.11 TMIEM IL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

43.11.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa, il-Kunsill ħa l-opportunità sabiex jawgura l-Milied hieni u l-festi t-tajba lir-residenti.

43.11.2. Il-laqgħa intemmet fis-17:50 u b'riżoluzzjoni unanima tal-kunsillieri kollha ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 19 ta' Jannar 2022 fil-5.00pm.

**Konfermati, illum ___________________________________**

**(iffirmati)**

Davina Sammut Hili
Sindku

**(iffirmati)**

Malcolm Agius Muscat
Segretarju Eżekuttiv